II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2234

tat-23 ta' Ottubru 2020

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2012 u l-Parti IV (Kummerċ) tiegħu, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 271 fiha, ġiet applikata skont l-Artikolu 353(4) tal-Ftehim bejn l-Unjoni u l-Honduras, in-Nikaragwa u l-Panama mill-1 ta' Awwissu 2013; bejn l-Unjoni u l-Costa Rica u El Salvador mill-1 ta' Ottubru 2013; bejn l-Unjoni u l-Gwatemala mill-1 ta' Diċembru 2013.

(2) Fl-24 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Amerika Ċentrali sabiex jiġi konkluż protokoll għall-Ftehim sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni ("il-Protokoll").

(3) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fis-27 ta' Ġunju 2019.

(4) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja sa meta jitlestew il-proċeduri għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi ([2]).

([1]) ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3.
([2]) Ara paġna ... ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika fuq bażi provviżorja f'konformità mal-Artikolu 12(3) tiegħu ([3]), sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussembrugu, it-23 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
S. SCHULZE

([3]) Id-data li minnha l-Protokoll ikun applikat b'mod provviżorju tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.